PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8999 — CACF/Bankia/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 244/05)

1. Fil-5 ta' Lulju 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta, skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1], li permezz tagħha CA Consumer Finance SA ("CACF", Franza) u Bankia S.A. ("Bankia", Spanja) jakkwistaw fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' impriża konġunta stabbilita ġdida ("l-impriża fil-mira").

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Bankia: servizzi finanzjarji u l-provvista ta' finanzjament, assigurazzjoni, ġestjoni tal-assi u ġestjoni ta' assi ta' proprjetà immobbli fi Spanja;

— għal CACF: l-għoti ta' kreditu tal-konsumatur f'varjetà ta' oqsma ta' kreditu tal-konsumatur bħal bejgħ dirett, il-finanzjament fil-punt tal-bejgħ, il-kummerċ elettroniku, is-sħubijiet u s-senserija f'19-il pajjiż;

— għall-kumpanija fil-mira: il-forniment ta' prodotti finanzjarji tal-konsumatur lill-individwi, persuni li jaħdmu għal rashom, kif ukoll attivitajiet oħra relatati esklussivament fi Spanja u permezz ta' kanali mhux bankarji bħal, fost affarijiet oħra, negozji ta' bejgħ ta' karozzi, ħwienet, kuntatt dirett permezz tat-telefown jew siti web.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont in-Notifika tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [2] għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8999 — CACF/Bankia/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.